

## Xi jmiss li nagħmlu issa?

Iċċekkja t-tikketta tal-prodott tiegħek: fiha l-pittogrammi u d-dikjarazzjonijiet ta' periklu u prekawzjoni? Jekk le, tista' tikseb għajna:

- Skeda ta' Data ta' Sigurtà: SDS Taqsima 2 fiha informazzjoni dwar is-C&L
- Sit web tal-ECHA
- L-assoċjazzjoni industrijali tiegħek
- L-uffiċċju Nazzjonali ta' informazzjoni tas-CLP tiegħek: tista' tikseb informazzjoni bil-lingwa tiegħek
- Inventarju tas-C&L tal-ECHA: ser titgħallem kif sustanza ġiet ikklassifikata minn kumpaniji oħra u jekk għandhiex klassifikazzjoni armonizzata
- Applika l-klassifikazzjoni armonizzata għas-sustanzi
- Uża l-klassifikazzjoni u t-tikkettar tal-fornitur tiegħek jekk ma tbiddilx il-kompożizzjoni tas-sustanzi kimiċi
- Ippakkja u ttikketta t-taħlita tiegħek f'konformità mar-Regolament CLP

Aktar informazzjoni dwar ir-Regolament CLP fuq:

- » <http://echa.europa.eu/mt/regulations/clp/understanding-clp>

It-terminoloġija legali u l-informazzjoni ewlenija għall-kumpaniji hija pprovduta fi 23 lingwa tal-UE. Tista' tuża s-servizz online tat-terminoloġija tal-ECHA biex tniżżel id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u ta' prekawzjoni għat-tikketti.

- » <http://echa-term.echa.europa.eu/mt/home>

Sib tweġibiet għall-mistoqsijiet komuni:

- » <http://echa.europa.eu/mt/support/qas-support/qas>

### GĦALL-SMEs

Il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-ippakkjar tas-sustanzi kimiċi perikolużi fl-UE huma bbażati fuq sistema li sar qbil fuqha fuq livell dinji. Din tiffaċilita l-kummerċ internazzjonali u tiżgura l-komunikazzjoni konsistenti tal-perikli tas-sustanzi kimiċi li jwasslu għal saħħa, sigurtà u kura aħjar għall-ambjent. Il-konformità ma' sett ta' regoli waħdieni madwar id-dinja kollha jibni l-fiduċja pubblika fl-użu sigur tal-kimiċi.

Ibda minn:

- » <http://echa.europa.eu/mt/sme>

## Il-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi kimiċi

Gwida qasira għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar tas-sustanzi kimiċi fl-UE



## Il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġ tas-sustanzi kimiċi

Jekk il-kumpanija tiegħek tforni sustanzi kimiċi perikolużi fl-UE, qabel tqiegħedhom fis-suq, dawn għandhom jiġu ttikkettjati skont ir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġ (CLP). Ir-rekwiżiti tar-Regolament CLP jiżguraw li l-perikli ppreżentati mis-sustanzi kimiċi jiġu kkomunikati b'mod ċar lill-ħaddiema u lill-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea permezz tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar xieraq.

» <http://echa.europa.eu/mt/regulations/clp/understanding-clp>

### IT-TIKKETTA TAS-SUSTANZA KIMIKA TURI

- l-isem tas-sustanza kimika u l-identifikatur tal-prodott;
  - l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon tal-fornitur;
  - il-kwantità ta' sustanzi kimiċi fil-pakkett;
  - pittogrammi ta' periklu, kliem ta' sinjali u dikjarazzjonijiet ta' periklu u ta' prekawzjoni.
- » <http://echa.europa.eu/mt/regulations/clp/labelling>

### IDDEĊIEDI FUQ IL-KLASSIFIKAZZJONI U T-TIKKETTAR

Jekk is-sustanzi kimiċi tiegħek jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikolużi, għandek tittikkettahom. Jeħtieġ li tikkunsidra l-klassijiet ta' periklu u d-differenzazzjonijiet kollha u tiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni adegwata għall-perikli fiżiċi, għas-saħħa jew għall-ambjent. Wara li tiegħu din id-deċiżjoni, għandek tagħżel l-elementi tat-tikkettar ix-xierqa.

» <http://echa.europa.eu/mt/support/mixture-classification/decide-on-classification-and-labelling>

## Il-pittogrammi tas-CLP



Jaqbad - nirien serji jekk ikunu esposti għal xrar, fjammi, sħana



Tossiku għall-organiżmi akkwatiċi  
Ħsara fit-tul lill-ekosistema



Jikkawża effetti ta' saħħa fit-tul serji ħafna



Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u lill-għajnejn Qerda tal-metall



Ta' periklu għall-ħajja anke f'ammonti żgħira u esponiment fil-qosor



Irritazzjoni tal-ġilda u l-għajnejn  
Effetti tas-saħħa avversi  
Ħsara lis-saff tal-ożonu



Splussivi - sensitiv għan-nar, sħana, vibrazzjoni jew frizzjoni



Jikkawża jew jintensifika n-nar  
L'żid il-periklu ta' nar



Il-kontenitur jisplodi jekk jissaħħan  
Ħruq minn likwidi kesħin ħafna meta jintmessu

» <http://echa.europa.eu/mt/regulations/clp/clp-pictograms>

## UŻU TAL-KLASSIFIKAZZJONI U T-TIKKETTAR ARMONIZZATI

Ċerti sustanzi għandhom klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati (CLH) biex jiżguraw li r-riskji jiġu ġestiti b'mod adegwat. L-użu tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati huwa obligatorju. Il-lista tas-sustanzi perikolużi li għaliha teżisti C&L armonizzata tiġi aġġornata kontinwament.

» <https://echa.europa.eu/mt/information-on-chemicals/annex-v-i-to-clp>

## INNOTIFIKA LILL-ECHA BIL-KLASSIFIKAZZJONI TAS-SUSTANZI KIMIĊI TIEGĦEK

Jekk tqiegħed sustanza perikoluża fis-suq, għandek tinnotifika lill-ECHA bil-klassifikazzjoni u t-tikkettar tagħha fi żmien xahar. Għal importaturi, ix-xahar jibda jingħadd mill-jum li fih sustanza, waħidha jew f'taħlita, tiddaħħal fiżikament fl-UE.

» <http://echa.europa.eu/mt/regulations/clp/cl-inventory/notification-to-the-cl-inventory>

## FTIEHEM MA' KUMPAJNIJI OHRAJN DWAR IS-C&L TAS-SUSTANZI TIEGHEK

Jekk qed tfittex aktar informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni u t-tikkettar dwar sustanzi nnotifikati u rreġistrati li jirċievu l-manifatturi u l-importaturi, tista' ssibha fl-Inventarju tas-C&L.

» <https://echa.europa.eu/mt/information-on-chemicals/cl-inventory-database>

## IĊĊEKKJA L-ISKEDI TA' DATA TA' SIGURTA'

L-iskedi ta' data ta' sigurtà (SDS) huma l-għodda ewlenija sabiex jiġi żgurat li l-fornituri jikkomunikaw biżżejjed informazzjoni tul il-katina tal-provvista sabiex jippermettu użu sigur tas-sustanzi u tat-taħlitiet tagħhom.

» <http://echa.europa.eu/mt/safety-data-sheets>